De Melos ma sabux lill-Famolo, u meta ġie lura u ma lemaħx lil Farrugia fejn ħallieh, intilef minnu n-nifsu. Reġa' mar fejnu, qajmu mill-art u qiegħdu għalih; Imbagħad ħareġ ix-xabla u beda jagħtih biċ-ċatt tagħha. Farrugia laqa' d-daqqiet b'idejh, iżda ġie midrub u beda ħiereġ id-demm.

Meta s-suldati l-oħra raw dan, qalu: "Madonna tal-ħniena, din x'moħqrija hi ?!" u qamu malajr minn bilqegħda u dawru lill-Kaptan bl-armi f'idejhom, waqt li bdew jgħajtu: "tuh lil dax-xitan, tuh lil dal-kelb."

**Ġużè Ġatt.**

*Jissokta*

## Raħal Twelidi

Seta' kien akbar—seta' kien isbaħ,
raħal twelidi—jogħġobni sħiħ :
u dinja ġdida—u ġenna ġdida
id-dawl ta' mħabbti—jurini fih !

* * *

Jien kont u għadni—jien kont u nibqa'
raħal twelidi—miegħek marbut !
xejn akbar minnek—xejn isbaħ minnek
ma nsib jew nara—sakemm immut.

Għallimtni nagħder—u nħobb lil għajri ;
għallimtni nimxi—fit-trieq tad-dawl ;
għallimtni naqdi—dmiri nisrani ;
għallimtni s-sewwa - li tak San Pawl.

* * *

Seta' kien akbar—seta' kien isbaħ,
raħal twelidi—jogħġobni sħiħ :
u dinja ġdida—u ġenna ġdida
id-dawl ta' mħabbti—jurini fih !

22 ta' Frar, 1937. KARM. VASSALLO

## Kulħadd għax-xeħta tiegħu

Kliem l-għaref imdaqqas,
miżun u meqjus !
Lablabi, lsien l-ibleh;
jitkellem b'irfus.

Dak jirfdek b'kull kelma
Minn fommu, b'mitt ġid;
u bl-ieħor tiddejjaq
mingħajr ma tkun trid.

Tixjiħ u titgħallem;
jiżdied fik id-dawl
minn sena għal l-oħra;
hekk jgħallem il-qawl.

Kulħadd jisħiħ f'xejrtu
mal-milja taż-żmien,
jitgħallem mill-kotba...
minn kollu l-ħolqien!

Kif jien t'art twelidi
mixħut għal dal-lsien
li nħobbu daqs dini,
mhux inqas il-flien;

jissaħħar għall-baħar...
u l-ieħor li nsib
ma jbarri,ma jibdel
ma' ebda ħabib!

Kulħadd għal fejn huwa
immejjel... mixħut:
min fuq tjur—fuq raba'—
fuq bhejjem...fuq ħut!

Il-bidwi jiftaqad
tar-raba' l-uċuħ,
fuq żriegħ dejjem kliemu
fuq saqwi, xgħir, qmuħ.

Daqqaq jitlef għaqlu
fuq leħen vjolin!
Jinkarmu n-nassaba
Għal ekra u ġojjin!

U taqbad ħuġġieġa
nar, qalb l-iskultur,
mqar 'kk jara minquxa
kurduna fuq sur!

Jekk jilmaħ maħżuża
fuq xoqqa l-pittur
xi werqa, jħoss qalbu
bil-ferħ qiegħda tfur !

.....Skultura u Pittura
żewġ snajja tewmin!
—U x'ħaġa!.. jinħadmu
maqlub ta' xulxin!

Ilaqqax u jċekken
Mis-sħiħ l-iskultur;
u żebgħa ħdejn oħra
u fuq oħra l-Pittur,

dlonk' jerfa' bil-pniezel
itenni u jżid
tiżwiqa ta' lwieni
bis-sengħa ta' l-id:

Sakemm dak iwassal
il-qjies u x-xebħien:
u dan magħhom jolqot
iż-żebgħa fil-lwien.

U l-baħri, li bosta
jkun għax fuq l-iġfien;
bħall-baħar għal qalbu
ma jsib ebda mkien.

U jtir f'difa safi
l-poeta fil-ħsieb
u jogħla u jinsa
lil ħajtu u lill-ħbieb.

U jżeffen, matulek
ja sena, l-għanjiet,
imħażżen bil musa
ġo l-ogħla smewwiet